MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 822/2007

**Talba Nru: 822/07VGD**

Jonathan De Bon (Id. 244394) u Emmanuela De Bon.

Vs

Gismalla Adam Ahmed (Id. 22755A) u Intesar Bashir (Id. 22756A)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) jew somma ohra verjuri rapprezentanti kirjiet dovuti minnhom mix-xahar ta’ April 2007 sa Novembru 2007 skond il-ftehim li sar fis-17 ta’

Ottubru 2002 u li gie estiz mill-1 ta' Dicembru 2006 sat-30 ta' Novembru 2007, kopja ta' l-imsemmi ftehim hawn anness u mmarkat Dok. A, kif ukoll is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma dovuti skond l-istess ftehim. Bl-ispejjes kif ukoll l-imghax kontra l-istess konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' tlett elef, erba mija u erba u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06) ekwivalenti ghal Lm1,500, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------